MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 126/1998/1

Rikors Nru: 126/1998

Joseph u Mary konjugi Scerri

Vs

Carmelo Aquilina u Carmela Farrugia, Nazzareno u Joseph Farrugia bhala eredi ta' Carmelo Farrugia ghal kull interess li jista' jkollhom

Il-Bord,

Ra r-rikors ta Joseph u Mary konjugi Scerri li jesponu bir-rispett

Illi huma jikru lill-intimat Carmelo Aquilina l-fond Nru 2 fi Trejqet in-Nigret Zurrieq bil-kera ta' tlieta u ghoxrin lira (Lm23.00) fis-sena pagabbli bis-sena bil-quddiem – l-ewwel skadenza fit-29 ta' Frar 1999.

Illi dan l-ahhar l-esponenti saru jafu illi l-intimat Carmelo Aquilina ssulloka jew assenja l-uzu tal-imsemmi fond lill-intimati l-ohra.

Illi inoltre ghandhom bzonn dan il-fond.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dana l-Bord jogghbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond skond il-ligi.

Ra r-risposta tal-intimati li jesponu bir-rispett

Illi primarjament, fil-konfront ta’ Carmelo Aquilina, jigi sottomess bir-rispett illi t-talbiet kif dedotti fir-rikors fl-ismijiet aktar il-fuq indikati ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti stante illi huwa mhux il-legittimu kontradittur taghhom.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti Carmelo Aquilina qatt ma detjena xi fond ufficjalment immarkat bin-Nru 2 fi Trejqet in-Nigret Zurrieq minghand ir-rikorrenti kif minnhom allegat u ghaldaqstant it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Ghal kull bon fini jigi relevat illi l-fond Nru 2 fi Trejqet in-Nigret iz-Zurrieq huwa biss karma b’bieb ghaliha li tifforma parti mill-fond Nru 1 u Nru 2 kif ilhom interkonnessi sa minn zmien immemorabbli, fi Trejqet in-Nigret Zurrieq u li sa fejn l-esponent Carmelo Aquilina jinsab ghall kurrent kien dejjem detenut b’titolu ta’ kera minn Carmel Farrugia li jigi hatnu u dank if jigi relevant f’aktar dettal waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Illi fit-tielet lok jigi relevant illi l-esponent Carmelo Aquilina qatt ma sulloka xi propjeta immamrkata bin-Nru 2 fi Trejqet in-Nigret Zurrieq lil xi hadd aktar u aktar lil hatnu li minn dejjem kien jiddetjeni l-fond Nru 2 fi Trejqet in-Nigret Zurrieq bhala l-unika residenza tieghu u dan sal-gurnata tal-mewt tieghu.

Illi da part ital-intimati l-ohra Carmela Farrugia, Nazzareno u Joseph Farrugia jigi sottomess bir-rispett:

Illi l-fond Nru 2 fi Trejqet in-Nigret Zurrieq minn dejjem kien u ghadu l-uniku residenza taghhom u dank if jirrizulta mill-kopja tad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok A.

Illi Carmelo Aquilina qatt ma kellu f'ismu jew xi hadd ikkonceda f'ismu il-lokazzjoni tal-fond Nru 2 fi Trejqet in-Nigret Zurrieq.

Illi mhux minnu li Carmela Farrugia, Nazzareno u Joseph Farrugia ssullokaw l-fond Nru 2 fi Trejqet in-Nigret Zurrieq minghand Carmelo Aquilina izda huma, u qabilhom missierhom, dejjem okkupaw b'titolu ta' kera l-fond ufficjalment immarkat bin-numru 1 u 2 fi Trejqet in-Nigret Zurrieq minghand Joseph u Mary Scerri u dank if jirrizulta mill-kopja tar-ricevuti hawn annessi u markati bhala Dok B.

Illi mhux minnu li r-rikorrenti ghandhom bzonn il-fond u dan kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta dan ir-rikors. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra l-verbal tal-21 ta April 2004

Ra d-digriet tieghi tad-9 ta Novembru 2000 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-relazzjoni ta l-imsemmija periti teknici

Ikkonsidra,

1. l-intimat Carmelo Aquilina fir-risposta tieghu jghid li hu mhux il-legittimu kontradittur. Min dak li jinghad wara mill-intimati Farrugia l-Bord jifhem li Aquilina qed jghid li hu qatt ma kien il-kerrej tal-fond numru 2 fi Trejqet in-Nigret, Zurrieq. Dan il-fond gie ghand ir-rikorrenti Mary

Scerri b'kuntratt ta divizjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef tad-9 ta Ottubru 1963 (fol 93-109). Min kif imxiet il-kawza l-partijiet taw importanza kbira dwar it-tghaqqid jew le ta dan il-fond man-numru 3, Trejqet in-Nigret iz-Zurrieq. Fid-divizzjoni imsemmija il-fond numru 3 mess lil hu Scerri. F'xi zmien il-fond numru 3 gie f'idejn Scerri li tghid li hu taghha u kienet taghmel ir-ricevuti fuqu. Dawn kienu zewg fondi separati ghalkemm min wara kienu jinfdu. Farrugia ghamel kostruzzjoni fin-numru 3 u wara fetah bieb fuq quddiem (relazzjoni tal-periti a fol 122-125).

2. Mir-ricevuti esibiti mill-intimati jirrizulta li l-mejjet Carmelo Farrugia fl-1966 kellu b'kera l-fond numru 3 bi tmin (8) liri Maltin fis-sena. Fl-1977 Farrugia kera wkoll il-fond numru 3. Saru ricevuti separati. Wara bdiet issir ricevuta wahda ghal zewg kirjiet. Ghal xi raguni li ma tirrizultax il-kera ghola aktar minn darba. Farrugia kera l-fond numru 2 ghax l-intimat Carmelo Aquilina izzewweg lil bint Farrugia Carmen fl-1973. L-intimat Aquilina ha flat tal-Gvern mill-Awtorita tad-Djar u fit-18 ta Marzu 1980 harget ordni ta rekwizizzjoni fuq in-numru 2 billi Aquilina kien nizzel fl-applikazzjoni li joqghod hemm (RO 43094).

3. Fil-5 ta Dicembru 1983 Aquilina kiteb lil 'Housing' li hu kien mar joqghod fil-post il-gdid gimgha qabel u ma tax ic-cwievet ghax kien joqghod 'mal-kunjata' (fuq l-ittra a fol 64 hemm in-numru 3 maqtugh u warajh hemm imnizzel in-numru 3. Kien kiteb ittra ohra fl-24 ta Marzu 1980. Il-mibki Joe Zammit in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Akkomodazzjoni tal-Housing xehed li wara li saru spezzjonijiet fuq il-fond u nstab li kienu 'interconnected' harget rekwizizzjoni fuq in-numru 3 ukoll. Dawn ghadhom fis-sehh (fol 66-73). Scerri ma gietx notifikata mid-Dipartiment tad-Djar. Aktarx li xi haga kienet taf. Kitbet zmien wara lid-Dipartiment li gharrafha x'kien gara.

4. Aktarx li r-rikorrenti qed tibbaza t-talba taghha fuq ricevuta tal-11 ta Frar 1996 fejn Aquilina hallas lil zewgha Lm16 kera tal-fond numru 3. Fl-istess jum saret ricevuta fuq Carmelo Farrugia ghal Lm12 fuq in-numru 2. Fis-17 ta Frar 1997 thallset is-somma kumplessa ta Lm64 min Carmelo Farrugia lil Joseph Scerri. Hemm imsemmija zewg cedoli: 462/98 u 583/99 li permezz tar-registratur il-Bord ezamina u li jsemmi 'fond b'zewg bibien

immarkati bin-numru 2 u 3 kif ukoll li l-kera hu ta Lm64. Fir-rikors ir-rikorrenti jghidu li l-kera tan-numru 2 hu ta Lm23. Fix-xhieda r-rikorrenti Maria Scerri tghid li l-kera hu Lm12. Qed jissemma l-kera ghax l-intimati strahu hafna fuq ir-ricevuti esibiti. Aktarx li xi darba kien sar xi ftehim bejn il-partijiet jew whud minnhom biex il-fond/fondi ma jittiehdux mid-Dipartiment.

5. Dan hu rikors fejn hemm konfuzzjoni shiha fil-provi imressqa. Il-gurisprudenza dejjen ghallmet li meta hemm ordni ta rekwizizzjoni s-sid jigi dispossessat mill-fond, b’mod illi, minn mindu ssir u tibqa fis-sehh ir-rekwizizzjoni, l-pussess tal-fond u d-disponibilita ta dak il-pussess ma hux aktar f’idejn is-sid izda f’idejn l-Awtorita rekwizizzjonanti (ara “Cassar vs Zammit noe”, Appell Civili 29/5/59, Vol XLIII-1-238; “Zahra vs Chircop et”, Appell Civili 8/2/60, Vol XLIV-1-42; “Brown vs Abela”, Appell Civili 27/2/96, Vol LXXX-2-429 u “Xuereb noe vs Mamo et”, Bord li Jirregola l-Kera, 23/10/02)

6. Ghalhekk il-Bord iqajjem hu stess il-kwistjoni ta nuqqas ta kompetenza tieghu u jiddikjara ruhhu inkompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talba u jillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju; spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------